MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Numru 888/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**Vs**

Mikiel Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Mikiel Farrugia ta' karta ta' identita' numru 342543(M), akkuzat talli;

F'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Lulju, 2005 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi

qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr licenzja moghtija mill-awtorita' kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta, u cioe' sellef flus b'imghax lil diversi persuni;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement kien parti fl-ghemil, jew ipprokura jew ghen, jew hajjar l-ghemil ta' reat taht is-subartikolu (1) ta' l-Att Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa' ferm anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw ksur tal-Artikolu 298C tal-Kap 9 u ksur tal-Kap 376 imsejjah l-Att Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

L-ammissjoni tal-imputat ghar-reati kontrih dedotti hi wahda volontarja u nkondizjonata.

Ghalhekk issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Rat l-artikoli 296C u 17 tal-Kap 9 u l-Artikoli 2, 3, 22(1) tal-Kap 376 u tikkundannah hmistax-il xahar prigunerija sospizi ghal sena u multa ta' Lm1000 pagabbli b'pagamenti ta' Lm100 fix-xahar l-ewwel pagament sal-31 ta' Jannar, 2007 u b'pagamenti successivi u konsekuttivi ta' Lm100 sa kull l-ahhar tax-xahar successiv bid-dekadenza fin-nuqqas u konvertibbli f'sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------